Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,472, 28 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 350 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Pre-Tertiary Certificate in the Baroque Culture of the Maltese Islands taħt il-patroċinju tal-International Institute for Baroque Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-International Institute for Baroque Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Pre-Tertiary Certificate in the Baroque Culture of the Maltese Islands taħt il-patroċinju tal-International Institute for Baroque Studies.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-International Institute for Baroque Studies;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Kors;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il-Pre-Tertiary Certificate in the Baroque Culture of the Maltese Islands; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Pre-Tertiary Certificate in the Baroque Culture of the Maltese Islands.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li:

(a) għandhom għarfien tekniku u/jew esperjenza rilevanti għall-qasam; u

(b) għaddew minn test tad-dħul imħejji mill-Bord tal-Istudji.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti jkunu meħtieġa li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

L-Għotja taċ-Ċertifikat

6. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.